MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2992/2002

**Portainer Mifsud konjugi Salvino u Maria Concetta sive Connie**

**Vs**

**Falzon konjugi Roderick u Natasha**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuta mill-konvenuti ai termini ta' skrittura ffirmata fis-26 ta' Settembru 2001.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi fis-26 ta' Settembru 2001 il-konvenuti kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-atturi, fis-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500), li obbligaw ruhhom

li jhallsu sa zmien erba` xhur wara d-data tal-istess skrittura (Dok A).

Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu din is-somma hekk dovuta, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, il-konvenuti ghandhom jigu ikkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) dovuta minnhom ai termini tal-iskrittura ffirmata bejn il-kontendenti fis-26 ta' Settembru 2001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu 2002 u tal-mandat ta' Sekwestru presentat kontestwalment ma' din it-talba u bl-imghaxijiet skond il-ligi b'effett mis-26 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-ammont mitlub mhumiex dovut u dan stante li l-partijiet qablu bi tpacija u dan peress li l-atturi m'ottomperawx ruhhom ma l-obbligazzjonijiet ta' l-iskrittura privata u kkagunaw danni lill-konvenuti;
2. Illi l-iskrittura privata in kwistjoni hija wahda nulla u bla effett;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Ra l-kontro-talba fejn inghad:-

L-ammont mitlub mill-atturi mhuwiex dovut stante tpacija, l-iskrittura hija wahda nulla u bla effett filwaqt li l-atturi ghandhom ihallsu Lm1440 lill-konvenuti rapprezentanti Lm4 kuljum kera minn Ottubru 2001 sa April 2002 kif ukoll kirja ta' flat fejn hi Lm100 kull xahar ghall-sitt xhur shah.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi gia gie deciz 'ad nausean' minn dawn it-Tribunali kif ukoll konfermat fis-sede tal-appell il-kompetenza taghhom. Tohrog ukoll mill-Kap 38 li stabilixxa l-istess

Tribunal. Jista jiddeciedi fuq kwistjonjiet ta’ flus, ma jistax jiddikjara bhala nulli atti bhala skritturi privata. Trid issir kawza ‘ad hoc’ quddiem il-Qorti kompetenti.

Illi l-ammont reklamat mill-atturi, kif inkitbet fl-iskrittura datata 26 ta’ Settmebru, 2001 (Fol 2) mhux kontestat mill-konvenuti. Pero` jallegaw li ma ghandhomx jaghtukom billi hemm tparija bi flus konsistenti f’danni lilkom kagunati mill-istess atturi.

Illi ai termini tal-Art 1196 u 1197 tal-Kap 16, l-ammont irid ikun cert likwidu, dovut sabiex tregi t-tparija. F’dan il-bazi, dawn il-kondizzjonijiet ma jissussistux (vide Qorti Appell PN Grima vs Clo Mamo et) 12 ta’ Mejju, 2002.

Illi inoltre, ma giet prodotta l-ebda prova da parti tal-konvenuti li l-pagament skond l-iskrittura kien marbut ma xi trasferiment ta’ licenzji u/jew permess. Aktar u aktar meta l-gvern ma kienx ser ikun l-istess. Il-konventi ma kellhom l-ebda dritt izommu l-pagament dovut lill-atturi. Ma kellhomx jiddikadu mid-drittijiet tal-iskrittura u minflok jagixxu gjudizzjarjament u mhux per via eccezzjonali.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet, jichad l-eccezzjonijiet u kontro talbiet tal-konvenuti, jilqa l-eccezzjonijiet tal-atturi ghal konro talbiet tal-konvenuti u jikkundannhom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500), bl-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------